

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, li jikkonsisti fe'ċċezzjoni ta' illegalità skont l-Artikolu 277 TFUE, li permezz tagħha r-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tiddikjara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497/PESK, tal-10 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 971/2013, tal-10 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU L 272, p. 1) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran inapplikabbli.

Ir-rikorrenti jostnu li l-kriterji adottati b'din id-deċiżjoni u b'dan ir-regolament huma, l-ewwel nett, nieqsa minn bażi legali xierqa, it-tieni nett, nieqsa minn bażi fattwali xierqa, sa fejn, fis-sentenza tagħha Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et vs* Il-Kunsill (T-489/10, EU:T:2013:453), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li Islamic Republic of Iran Shipping Lines (iktar 'il quddiem, l-“IRISL”) ma kinitx kisret il-miżuri restrittivi imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà, li dawn il-kriterji, it-tielet nett, jiksru d-dritt tar-rikorrenti għal rimedju effettiv u l-prinċipji ta' *ne bis in idem* u tas-saħħa ta' *res judicata*, ir-raba' nett, iwasslu għal diskriminazzjoni kontra l-entitajiet allegatament miżmuma jew ikkontrollati mill-IRISL b'mod mhux iġġustifikat u sproporzjonat, il-ħames nett jiksru d-dritt tar-rikorrenti għad-difiża, is-sitt nett, jiksru, b'mod mhux iġġustifikat u sproporzjonat, drittijiet fundamentali oħra tar-rikorrenti, inkluż id-dritt fundamentali tagħhom għall-proprjetà, id-dritt li jkollhom negozju u d-dritt għar-rispett tar-reputazzjoni tagħhom u, is-seba' nett, jikkostitwixxu abbuż ta' poter mill-Kunsill, sa fejn sempliċement applika mill-ġdid l-istess miżuri restrittivi għar-rikorrenti u b'hekk evita l-eżekuzzjoni ta' sentenza vinkolanti tal-Qorti Ġenerali.

2. It-tieni motiv, li jikkonsisti f'motiv għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE, li permezz tiegħu r-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/556, tas-7 ta' April 2015, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK (ĠU L 92, p. 101) u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/549 tas-7 ta' April 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU L 92, p. 12) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, sa fejn jirrigwardaw lir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jostnu li din id-deċiżjoni u dan ir-regolament ta' implementazzjoni huma, l-ewwel nett, nieqsa minn bażi legali xierqa, it-tieni nett, invizzjati bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, it-tielet nett, nieqsa minn bażi fattwali xierqa, li din id-deċiżjoni u dan ir-regolament, ir-raba' nett, jiksru d-drittijiet tad-difiża u għal motivazzjoni tar-rikorrenti, il-ħames nett, jiksru d-dritt tar-rikorrenti għal rimedju effettiv, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* u l-prinċipju ġenerali ta' aspettattivi leġittimi u, is-sitt nett, jiksru, b'mod mhux iġġustifikat u sproporzjonat, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u, b'mod iktar partikolari, id-drittijiet tagħhom għall-proprjetà u li jkollhom negozju.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2015 – Windrush Aka vs UASI – Dammers (The Specials)

(Kawża T-336/15)

(2015/C 294/92)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Windrush Aka LLP (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz, Barrister u S. Britton, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jerry Dammers (Londra, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tat-trade mark ikkontestata: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali “The Specials” – Trade mark Komunitarja Nru 3 725 082

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' revoka

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-18 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 1412/2014-1

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tiegħu stess u għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 15(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2015 – Bach Flower Remedies vs UASI – Durapharma (RESCUE)

(Kawża T-337/15)

(2015/C 294/93)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bach Flower Remedies Ltd (Ir-Renju Unit) (rappreżentant: I. Fowler, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Durapharma ApS (Stenstrup, Id-Danimarka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrent

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "RESCUE" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 473 755

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 2551/2013-1

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 52(1) moqri flimkien mal-Artikoli 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 207/2009;
-